Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAD-DISA' ERBGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2011

**Ħin:** Mis-5.35pm sas-7.35pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (wasal fis-5.45pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Il-Kunsillier Trevor De Giorgio
Is-Sur J. Cassar (wasal fis-5.45pm)
Is-Sur Guido Borg

Peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u kien hawn quorum il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmienja u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tmienja u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tmienja u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Uffiċċju tal-President tana appuntament għal-nhar il-Erbgħa, 27 ta' Lulju 2011 f'12.00pm biex issir id-donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund imma s'issa ħadd ħlief il-kordinatur ma kkonferma li jista jattendi.

2. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ħajt li jdawwar is-siġra tal-fikus fi Triq il-Ferrovija l-Qadima ġie rranġat u jista jsir il-ħlas kif nirċievu l-kont.

3. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi l-għotja ta' kotba lill-iskola Lija / Balzan / Iklin saret nhar it-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2011 u ta' Stella Maris ser issir fl-aħħar ta' Settembru 2011 peres li l-iskola għalqet għal-vaganzi tas-sajf.

**F'dan il-ħin wasal is-Sindku li ħa s-siġġu.**

4. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl li ġġib id-data tat-13 ta' Lulju 2011 li hija rċieviet mingħand il-Kunsillier Trevor DeGiorgio fejn huwa infurma li d-dokumenti ta' l-offerta għal-kordinatur tal-proġett tal-pjazza huma tajbin u ma għandux isir tibdil fihom. Hija qiegħdet d-dokumenti ta' l-offerta "Project Administration Services with Ħal Balzan Local Council – P.M 1/11" (mehmuz) fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja tad-dokument intbagħtet lill kull kunsillieri llum qabel il-laqgħa.

   Is-Segretarju Ezekuttiv innutat illi hija tħoss li huwa ferm importanti li l-Kunsill jagħmel klawsoli biex jassigura li x-xogħol isir fil-ħin għax jekk ma jsirx nitilfu l-fondi ERDF u l-Kunsill ma għandux minn fejn jagħmel tajjeb għalihom.

   Il-Kunsillier Trevor DeGiorgio qal li huwa ha parir mingħand min hu f'dan is-settur tax-xogħol u huwa ra d-dokumenti u huwa ta' l-opinjoni li l-klawsoli tad-dokumenta ta' l-offerta huma adekwati. Huwa nnota li d-dokumenti jgħidu li trid issir *bid bond* ta' €6000 biex tagħmel tajjeb u jekk jibda jaqa lura fix-xogħol il-Kunsill dejjem jista jagħti avviż li jekk fi żmien ġimgħa ma jkunx hemm rimedju jwaqqa l-kuntratt u joħroġ mill-ġdid sejħa għall-offerti.

   Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li jekk ikun il-kaz li l-Kunsill irid joħroġ sejħa għall-offerti mill-ġdid ix-xogħol li diġa huwa lura, aktar ser jaqa lura. Hija nnutat li mill-esperjenza tal-passat wieħed għandu jitgħallem u jara li dokument ikollu klawsoli li jissalvagwardjaw l-interessi tal-Kunsill, għax kuntrarju għal-passat jekk ikun hemm dewmien u jintilfu l-fondi, l-Kunsill ma għandux fondi biex jagħmel tajjeb u jekk ix-xogħol jaqa' lura, l-PPCD mhux ser tapprova li jsir ħlas.

   F'dan il-ħin il-laqgħa saret ftit imqanqla bis-Sindku jinsiswa li s-Segretarju Ezekuttiv ma tridx li jsir ix-xogħol u bis-Segretarju Ezekuttiv tinsisti jekk ma jkun hemm klawsoli addattati l-Kunsill ma jkollux kontroll fuq id-*deadlines* u x-xogħol jintefa lura bhal ma dejjem jiġri bid-differenza li din id-darba l-fondi jkunu f'riskju.

   Is-Segretarju Ezekuttiv nnutat li n-nuqqas ta' *foresight*, nuqqas ta' diskussjoni fuq id-dettal u l-atmosfera ta' kif isiru l-laqgħat u kif hi tiġi ttrattata mhux aċċettabbli u jeħtieġ li l-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni jiltaqa biex jevalwa l-applikazzjonijiet għal post ta' Segretarju Ezekuttiv għax hi ma tistax taħdem f'dawn iċ-ċirkostanzi.

   Il-Kunsillier Trevor DeGiorgio li kien issekondat mis-Sindku ppropona d-dokumenti ta' l-offerta għal-Project Administration Services with Ħal Balzan Local Council – P.M 1/11 għall-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva d-dokumenti ta' l-offerta u li l-offerta tinħareġ immedjetament.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Kunsill għandu l-permess tal-MEPA biex isir il-proġett ta' *embellishment* tal-Wied ta' Ħal Balzan bejn Triq it-Tabib Zammit u Triq il-Kbira imma peres li inbidel il-perit pjanti ma għandux u għalkemm talbithom lill-perit f'Diċembru 2010 u wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, bla risposta baqgħet. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Perit irid jagħtina l-pjanti approvati mill-MEPA u *release* biex perit ieħor ikun jista jagħmel ix-xogħol. Il-Kunsill ta' struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv biex tikteb lill-Perit u titolbu dawn il-pjanti sabiex ikun jista jsir ix-xogħol u jekk il-pjanti ma jaslux fi żmien ġimgħa jittieħed parir legali fuq il-materja, dan sakemm il-ħlas għal-pjanti sar.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-perit għadu ma pprezentax id-dokumenti ta' l-offerta għax-xogħol tal-pjazza minkejja li ftehmet miegħu li dawn jagħtihom fl-10 ta' Ġunju 2011. Hija bagħtet diversi *reminders* imma s'issa d-dokumenti għadhom ma waslux u

b'din ir-rata l-proġett qiegħed kuljum jintefa lura u jistaw jintilfu l-fondi ERDF. Il-Kunsill ta' struzzjonijiet biex tintbagħat ittra rreġistrata fejn il-perit għandu jiġi nfurmat illi jekk fi żmien 48 siegħa minn meta tasal l-ittra għandu ma jippreżentax id-dokumenti ta' l-offerta kif miftiehem fl-ittra li biha ngħata x-xogħol, il-Kunsill jittermina l-kuntratt u jfittxu għad-danni kollha li jsofri fuq il-proġett ERDF 205 "Regenerating Balzan Square and Implementing a Tourist Heritage Trail".

7. F'dan il-ħin, is-Sindku talab lill-Kunsill jagħti ħin lis-Sindku tal-Kunsill Lokali Żagħżagħ Ħal Balzan, s-Sinjorina Charlene Giordimaina biex tagħti rendikont tal-ħidma. Is-Sna Giordimaina nfurmat lill-Kunsill illi l-proġett tal-Kunsill Lokali Żagħżagħ Ħal Balzan ma kienx wieħed mill-proġetti li ntgħażel għaldaqstant ma ngħatawx il-fondi biex issir l-attivita' li kienet ippjanata għal nhar il-Erbgħa, 20 ta' Lulju imma minkejja dan xorta waħda xtaqu li ssir l-attivita' letterarja fil-*gazebo* ta' Ġnien Joseph A. Stellini u biex dan isir xtaqu l-għajnuna tal-Kunsill biex jinkera *sound system* u *spotlights*. Il-Kunsill unanimament qabel li jgħin u talab lis-Sur J. Galea jikkordina mal-Balzan Youths Football Club jew Każini tal-Banda biex jara x'jistaw jipprovdu. F'dan il-ħin is-Sna Giordimaina rringrazzjat lill-Kunsill u talbet li tkun skużata.

8. Peres li kien wasal l-*accountant*, s-Sur Mark Debono, is-Sindku talab lill-Kunsill jmur fuq item 4 ta' l-*agenda* biex ma jitħalliex jistenna. Ħadd mill-membri tal-Kunsill ma sab oġġezzjoni u inbidlet l-ordni tax-xogħol biex jiġi diskuss ir-rapport Finanzjarju għat-tlett xhur April – Ġunju 2011.

**3. <u>Rapport Finanzjarju għat-Tliet xhur April – Ġunju 2011.</u>**

Tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhun April – Ġunju 2011 (mehmuz). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sur Debono ppreżenta r-rapport u staqsa jekk hemmx mistoqsijiet. Is-Sindku staqsa kif inhu sejjer il-Kunsill u l-*accountant* irisponda li jekk il-Kunsill ma jonfoqx flus fuq proġetti mhux ippjanati ma jkunx hemm problemi imma jrid joqgħod attent u jżomm id-*deadlines* miftiehma fir-rigward tal-proġett ERDF 205 għax ikun hemm konsegwenzi gravi jekk ma jigux il-fondi għax il-Kunsill ma għandux flus biex jagħmel tajjeb għalihom u nnota li l-Kunsill irid jinsisti mal-perit u kordinatur li d-*deadlines* jinżammu strettament.

Ir-rapport finanzjarju għat-tliet xhur April – Ġunju 2011 kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Viċi-Sindku. Ir-rapport kien approvat unanimament u s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmawħ biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti (kontinwazzjoni).</u>**

9. Il-Kunsillier Trevor DeGiorgio nnota li jeħtieġ li ssir kampanja ta' informazzjoni dwar il-karozza tal-linja numru 106 u l-Kunsill lest li jgħin f'din il-kampanja. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob li l-karozza tal-linja numru 43 li sservi lilll Ħal Lija u hija diretta għal-Belt, tgħaddi minn Ħal Balzan fi triqtha lejn il-belt biex ir-residenti jkunu moqdija.

   Is-Sindku nnota li l-karozza li qed taħdem ir-rotta 106 mhiex il-karozza ż-żgħira *diesel-electric* li kienet imwiegħda.

   Il-Kunsill unanimament qabel li tintbagħat ittra lill-Arriva li tiġi kkuppjata lill-Ministru fejn inqajmu l-punti fuq imsemmija.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija kitbet lill-Transport Malta dwar it-talba biex l-arja ta' Triq il-Kbira bejn Triq San Frangisk u l-Pjazza u l-arja ta' Triq San Frangisk bejn Triq il-Kbira u Triq it-Tabib Zammit issir arja ta' ipparkjar residenżjali ta' siegħa ħlief għar-residenti. Hija nfurmat lill Kunsill illi normalment Transport Malta titlob li jsir studju dettaljat meta jkun hemm ħsieb li jsir *residential parking* imma l-uffiċċju mhux attrezzat bir-riżorsi meħieġa biex jagħmel dan l-istudju u minn naha ta' Transport Malta s'issa għadhom ma kkummentawx fuq dan l-istudju, għaldaqstant ma nafux x'inhi l-pozizzjoni f'dan l-istadju.

11. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat illi fl-aħħar laqgħa l-Kunsill talab li ssir sejħa pubblika biex jara min huwa interessat jipprovdi *street furniture* u *traffic barriers* b'materjal riċiklat jew aċċettabbli għal-ambjent li jkun tajjeb għar-riklamar. Hija nnutat li meta talbet għajnuna tad-Dipartiment tal-Kuntratti qalulha li din mhiex proċedura normali u għandha tistaqsi lill min għamel din it-talba biex jagħti struzzjonijiet ċari dwar x'irid u tinħareġ sejħa għal-offerti speċifika mhux sejħa biex wieħed juri interess.

    Il-Kunsill unanimament qabel li joħroġ sejħa għall-offerti biex jinxtraw kemm it-tabelli li jaqaw taħt il-proġett ta' l-ERDF "Regenerating Balzan Square and Implementing a Tourist Heritage Trail" kif ukoll dawk li jridu jsiru taħt il-Bye-Law għal reklamar fuq għamara tat-triq. Il-prodott irid ikun wieħed magħmul minn materjal riċiklat u li jkun riċiklabbi. Dwar l-ammont ta' *displays boards* trid issir referenza għal dak li hemm fl-applikazzjoni għal-fondi ERDF dwar il-proġett tal-pjazza u 20 *traffic barrier* għal-madwar ir-raħal, kollox bl-istess materjal.

12. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għal-post ta' Segretarju Ezekuttiv il-membri tal-Bord ta' l-Evalważżjoni kellhom jeżaminaw l-applikazzjonijiet li daħlu imma sa fejn taf hi dan ma sarx u għaldaqstant ma jistax isir proġress biex isiru l-intervisti. Is-Sindku nnota li l-criteria għandha tkun li l-persuna jrid ikollha ħames snin esperjenza fl-livell amministrattiv f'Kunsill Lokali.

13. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv tivverifika jekk hemm xi applikazzjoni quddiem il-MEPA għal-dar ta' l-anzjani fi Triq Birbal kantuniera ma Triq il-Kannizzata u jekk iva titlob li jsir *traffic impact assessment* peres li d-dħul u ħruġ ta' vetturi minn garaxxijiet taħt l-art ikollu mpatt fuq it-traffiku u parking fi Triq Birbal.

## 4. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn it-23 ta' Ġunju 2011 u t-13 ta' Lulju 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġietipprezentata li ġġib id-data tat-13 ta' Lulju 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 737/11:** L-emajl u rapport dwar "Seminar "Kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jippromwovu aħjar il-lokalita' tagħhom għa-turisti" (mehmuz) ġie nnutat.

**Ittra Numru 736/11:** L-emajl bit-titlu "Tnedija tal-Inizjattiva Kulturali Invex" ġiet innutata.

**Ittra Numru 733/11:** L-emajl stedina għal-Kunsilli Lokali Żgħażagħ 2011/12" ġiet innutata.

**Ittra Numru 732/11:** L-*enforcement notice* tal-MEPA ġiet innutata.

**Ittra Numru 731/11:** Il-permess ta' Transport Malta għal-*single yellow line* fi Triq iż-Żekkuk li ġie approvat ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li x-xogħol ġie ordnat u ser jagħmluħ il-ħaddiema tal-Kunsill.

**Ittra Numru 730/11:** Il-permess ta' Transport Malta għal-*double yellow line* and 1.5m *Keep Clear Bay* fi Triq iż-Żekkuk ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi reġgħet kitbet biex tikkjarifika li t-talba li saret u l-post indikat ma homiex l-istess.

**Ittra Numru 729/11:** L-ittra ta' Transport Malta dwar talba għal-permess għal-*parking on pavement* fi Triq iż-Żekkuk li ġie rifjutat ġie nnutat.

**Ittra Numru 720/11:** L-ittra tas-sid ta' post skedat fi Triq il-Kbira ġiet innutata.

**Ittra Numru 711/11:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Attendenza ġiet innutata.

**Ittra Numru 708/11:** L-ittra mill-AKL dwar Devoluzzjoni ta' dawl tat-toroq ġiet innutata.

**Ittra Numru 702/11:** Il-permess ta' Transport Malta għal-*double yellow line* ħdejn il-garaxx tad-dar "Lysil"fi Triq Sigismondi Dimech ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li x-xogħol ġie ordnat u ser jagħmluħ il-ħaddiema tal-Kunsill.

**Ittra Numru 701/11:** Il-permess ta' Transport Malta għal-*double yellow line* ħdejn garaxx 19 fi Triq Sigismondi Dimech ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li x-xogħol ġie ordnat u ser jagħmluħ il-ħaddiema tal-Kunsill.

**Ittra Numru 694/11:** Il-permess ta' Transport Malta għal-*double yellow line* ħdejn garaxx li jinsab fi Triq Balaguer kantuniera ma Triq Sigismondi Dimech ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li x-xogħol ġie ordnat u ser jagħmluħ il-ħaddiema tal-Kunsill.

**5. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-sid ta' Old Smuggler Pub issottometta applikazzjoni għal-imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina, quddiemu, għal-żmien il-festa. Is-sid applika mingħajr ma ħallas għaldaqstant l-applikazzjoni ma kienitx valida u waqfet hemm imma, il-Kunsill jeħtieġ li jiddiskuti u jieħu deċiżjoni dwar x'jagħmel jekk terġa ssir applikazzjoni oħra 'l quddiem sabiex l-amministrazzjoni tkun tista tipproċedi meta tasal applikazzjoni. Huwa nnota li kienet saret petiżżjoni mis-sid ta' postijiet li jmissu ma *Old Smuggler Pub*, għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li r-residenti tat-triq, skond ma jidhru fuq ir-Registru Elettorali, li joqgħodu bejn il-Qronfla tan-naha ta' Wied Ħal Balzan u Triq San Frangisk, fuq iż-żewġ naħat tat-triq, jiġu kkonsultati dwar jekk għandhomx oġġeżżjoni li titqiegħed *street furniture* quddiem *Old Smuggler Pub*. L-ittra għandha tintbagħat irreġistrata biex ħadd ma jgħid li ma rċievihiex.

**6. <u>Rapport dwar l-ilmenti.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti pendenti li jġib id-data tat-13 ta' Lulju 2011 (mehmuz).

**Ilment Numru 17011046144146:** Ilment dwar *parking* barra l-*parking bays* fi Triq il-Lunzjata fil-ħin tal-quddies. Il-Kunsill talab li jsir infurzar ladarba saru l-marki fejn jista jsir *parking* u xorta ma jagħtux kazhom.

**Ilment Numru 13/0937/05:** Talba għal-*parking* residenzjali fi Triq Birbal. Il-Kunsill innota li t-Transport Malta mhux ser taċċetta li Triq Birbal li hija arterja prinċipali ssir residenżjali.

**Ilment Numru 17011026147368:** Ilment dwar numru kbir ta' qtates li qed jakkumulaw fi Triq Vjal Sir Michaelangelo Refalo peres li hemm nies li qed jitimawhom bil-konsegwenza li dawn qed iħammgu u jdejqu lir-residenti. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi min naha tad-Dipartiment tas-Sanita tawna *contact person* minn *National Cat Society* li jiġbru l-qtates biex isewwuhom u jikkurawhom jekk ikun hemm bżonn u anki iżommuhom sakemm tinstabilhom *home* jew imutu u dan għal-*one time payment* ta' €100 għal-kull qattus li jinġabar. Il-Kunsill innota li ma jistax jonfoq dawn it-tip ta' flus biex jinġabru l-qtates. Il-Kunsill talab li tintbagħat ittra lill min nafu li qed jitma lill qtates fejn ninfurmawhom li dan huwa llegali jekk qed isir fuq propjeta pubblika u jsir infurżar jekk jippersistu.

**Ilment Numru 13/0750/07:** Ilment dwar ir-rampa tal-Global Capital fil-Wied ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill innota li ladarba l-Global Capital ma għandhomx hemm ir-rampa u l-bankina temporanja li saret għandha titneħħa biex l-arja għandha tiġi għal-istat originali.

**7. <u>Approvazzjoni biex isir il-ħlas.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-22 ta' Ġunju 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €5,823.80.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 3 ta' Awwissu 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data